DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Jannar 2009

li temenda l-Appendiċi tal-Anness VI tal-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib fil-Bulgarija

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 9000)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/27/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (f) tat-Taqsima B tal-Kapitolu 4 tal-Anness VI tiegħu,

Billi:

(1) Il-Bulgarija ngħatat perjodi ta' tranżizzjoni bl-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija biex ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([1]).

(2) L-Appendiċi tal-Anness VI tal-Att tal-Adeżjoni ġie emendat bid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2007/26/KE ([2]), 2007/689/KE ([3]), 2008/209/KE ([4]), 2008/331/KE ([5]), 2008/547/KE ([6]), 2008/672/KE ([7]) u 2008/827/KE ([8]).

(3) Il-Bulgarija pprovdiet garanziji li erba' stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib lestew il-proċess ta' aġġornament tagħhom u issa huma konformi b'mod sħiħ mal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Dawk l-istabbilimenti għandhom il-permess li jirċievu u jipproċessaw ħalib nej mhux konformi mingħajr separazzjoni. Dan l-istabbiliment għalhekk għandu jiżdied mal-lista tal-Kapitolu I tal-Appendiċi tal-Anness VI. Stabbiliment wieħed qed jingħata permess jirċievi u jipproċessa ħalib nej konformi u mhux konformi f'linji separati bis-sħiħ. Dan l-istabbiliment għalhekk għandu jiżdied mal-lista tal-Kapitolu I tal-Appendiċi tal-Anness VI.

(4) Stabbiliment wieħed elenkat fil-Kapitolu I għandu jipproċessa biss ħalib nej konformi u għalhekk għandu jkun approvat bħala stabbiliment tal-UE tal-ipproċessar tal-ħalib. Dan l-istabbiliment għalhekk għandu jitneħħa mil-lista tal-Kapitolu I tal-Appendiċi tal-Anness VI.

(5) L-Appendiċi tal-Anness VI tal-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Appendiċi tal-Anness VI tal-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Jannar 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
([2]) ĠU L 8, 13.1.2007, p. 35.
([3]) ĠU L 282, 26.10.2007, p. 60.
([4]) ĠU L 65, 8.3.2008, p. 18.
([5]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 97.
([6]) ĠU L 176, 4.7.2008, p. 11.
([7]) ĠU L 220, 15.8.2008, p. 27.
([8]) ĠU L 294, 1.11.2008. p. 9.

ANNESS

Fil-Kapitolu I tal-Appendiċi tal-Anness VI tal-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, jiżdiedu l-annotazzjonijiet li ġejjin:

Nru	Nru Veterinarju	Isem tal-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
"13	BG 1512033	ET 'Voynov-Ventsislav Hristakiev'	s. Milkovitsa obsht. Gulyantsi
14	BG 1612020	ET 'Bor - Chvor'	s. Dalbok izvor obsht. Parvomay
15	BG 1612013	'Polidey - 2' OOD	s. Domlyan"

Fil-Kapitolu I tal-Appendiċi tal-Anness VI tal-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, titneħħa l-annotazzjoni li ġejja:

Nru	Nru Veterinarju	Isem tal-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
"2	BG 2012022	'Bratya Zafirovi' OOD gr. Sliven ul. 'Treti mart' 7	gr. Sliven Industrialna zona Zapad"

Fil-Kapitolu II tal-Appendiċi tal-Anness VI tal-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, tiżdied l-annotazzjoni li ġejja:

Nru	Nru Veterinarju	Isem tal-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
"15	BG 2812003	'Balgarski yogurt' OOD	s. Veselinovo, obl. Yambolska"